MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1267/2005

**Citadel Insurance plc (C21550)**

**Vs**

**Daniel Paul Grima**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) rapprezentanti *excess* skond il-kundizzjonijiet tal-polza ta' l-assigurazzjoni mahruga fuq ordni ta' l-istess konvenut u li tkopri l-vettura CAT 095 proprjeta' tal-konvenut wara li din kienet involuta f'incident awtomobilistiku fl-20 ta' Gunju, 2002.

Ra illi l-konvenut Daniel Paul Grima, debitament notifikat, ma kkontestax it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-17 t’Ottubru, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------